RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

# Fl-Imħabba r-Rebħa



Skeda Ġdida Paġna 6-7

Rebbiegħa
2026

Pubblikazzjoni Assoċjazzjoni
Radju Marija (Malta)
Nru 109 - VO/1584
Marzu- Ġunju 2026



## *Ir-Riga tal-Imħabba*

Missirijiet il-Knisja jgħallmu li jekk trid tkun taf kemm tħobb lil Alla ara l-qies tal-karità tiegħek.

Jekk limitat għal min iħobbok, mela ma taċċetta l-ebda nuqqas. Alla jaf li aħna dgħajfin u xorta jibqa' jħobbna. Jekk tħobb lil min jafulek, mela tistenna l-grazzi u r-rikonoxximent. Ġesù Kristu ma ried xejn għalih innifsu, għalhekk dejjem ħadem għall-glorja tal-Missier tiegħu tas-sema. Jekk min jonqsok ma tħarisx lejh iktar, ftakar li l-Mulej xorta ħafer lil Pietru u ħabb lilu u lil sħabu wara l-qawmien mill-mewt tiegħu, u tgħidx kemm stenna u ħabbat fuq il-qalb ta' bosta nies matul is-sekli li wħud minnhom saħansittra saru qaddisin.

Grazzi ta' mħabbitkom għal Radju Marija. Permezz tagħkom inkomplu nwasslu din l-imħabba kif ukoll dik ta' Kristu, lil kull min jixtieq jismagħna, għax l-imħabba tal-Mulej hija bla limitu u intom għandkom sehem minn din l-imħabba bla qies.

Grazzi tal-imħabba tagħkom lejn din il-ħidma ta' Ommna: Omm l-imħabba safja.

**Fr Antoine Borg**
*Direttur Radju Marija Malta*

# *Fl-imħabba r-Rebħa...*



L-imħabba li tgħallimna Ommna Marija hi mħabba ta' smigħ, silenzju u fiduċja sħiħa f'Alla. Hi l-Omm li dejjem żammet il-Kelma f'qalbha u għexitha fil-ħajja ta' kuljum, anke fis-sofferenza.

Kull darba li tiftaħ qalbek biex tisma' Radju Marija, inti tħalli lil Marija tmexxik eqreb lejn Ġesù. Il-vuċi mxandra ssir stedina għall-paċi, it-talb isir kenn, u l-kelma ssir dawl fil-mixja tiegħek.

Fl-imħabba Marjana hemm serħan, għax hi mħabba li taf tistenna, taf tafda u taf toffri kollox lill-Mulej. Din hi r-rebħa li ma tidhirx, imma tbiddel il-qlub.

Grazzi talli, bil-fedeltà u bit-talb tiegħek, inti parti minn din il-missjoni. Permezz tiegħek, Ommna Marija tkompli tferrex l-imħabba tagħha ma' dawk li huma waħedhom, imġarrba jew fil-bżonn.

Fl-imħabba tagħha, dejjem hemm rebħa. Din ir-rebħa titwieled meta qalb umli tgħid iva, tgħix fit-tama, u tħalli lill-Omm twassalha b'ġentilezza lejn Binha Ġesù, salvatur tagħna, f'kull mument tal-ħajja.

Minn qalbi nixtieq li matul ħajtek tesperjenza ħafna mħabba kif ukoll il-paċi li ġġib magħha, b'hekk tkun tista' ukoll tagħtiha lil ħaddieħor.

**Bridget Micallef**
*President*

2026



# Seminar ta' Radju Marija

**31ta' Jannar 2026**









# JUM TA' SEMINAR TA' KULL SENA

Bħal kull sena Radju Marija organizza seminar ta' nofstanhar ġewwa dar tal-irtiri, nhar il-31 ta' Jannar 2026. Dan is-seminar sar parti mill-kalendarju ta' Radju Marija, jum fejn fih l-impjegati, membri tal-Bord Direttiv, voluntiera kif ukoll xandara, jattendu bi ħġarhom biex jitolbu flimkien, jisimgħu kelma spiritwali li tqawwihom, u jieklu flimkien f'ambjent fratern. Huwa mezz ukoll kif il-voluntiera jsiru jafu aktar lil xulxin mill-qrib.
Din is-sena bdejna b'Adorazzjoni ta' ftit minuti, segwita b'quddiesa ċċelebrata mid-Direttur ta' Radju Marija, Fr Antoine Borg, u animata bil-kitarri u l-kant miż-żgħażagħ tal-familja Curmi Cassar.
Wara kellna taħdita interessanti ferm minn Rev. Papas Martin Żammit tal-Knisja Kattolika Biżantina f'Malta. It-tema kienet it-talba ta' Ġesù: "Mulej Ġesu' Kristu, ħenn għalija, il-midneb (il-midinba)".
Is-seminar għalaq b'ikla bnina.
Inroddu ħajr lil Alla ta' din il-familja sabiħa ta' ħaddiema u voluntiera li b'imħabba jgħinu biex titwassal il-Kelma Nisranija fid-djar tas-semmiegħa, erbgħa u għoxrin siegħa kuljum.







# RADJU MARIJA

102.3FM/107.8FM

## Skeda Programmi

29 ta' Marzu - 27 ta' Ġunju 2026

| ĦIN | ĦADD | TNEJN | TLIETA | ERBGĦA | ĦAMIS | ĠIMGĦA | SIBT |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 7.00am | 7.30: Jum il-Mulej | Rużarju, Quddiesa u Anġelus | | | | | |
| 8.05am | (8.15am) Tifħir ta' Sbieħ il-Jum | Kuntatt, Tifħir ta' Sbieħ il-Jum & Ħajja ta' Xhieda u ta' Fidi | | | | | |
| 9.00am | (8.40am) Aħbar ta' Ferħ | Lectio Divina & Milli Qrajt | | | | | |
| 9.30am | Il-Miraklu ta' Radju Marija | ikompli Kuntatt | Għalik kollox | ikompli Kuntatt | | | |
| 10.00am | Quddiesa | | Mid-Direttur | | | | Nixtarru kitbet San Ġorġ Preca |
| 10.45am | Rużarju tal-Paċi | | | | | | |
| 11.00am | Kireh u Bileh | Confessio | Kristu lbieraħ, illum u dejjem | Ftit minn kollox | Nibnu u ngħixu kultura tal-Ħajja | L-Aħħar Qatra | Mid-Djarju tal-Papa |
| 12.00pm | Anġelus, Rużarju & Talb ta' Nofs il-Jum | | | | | | |
| 12.30pm | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju ta' San Ġużepp | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju tad-Dmugħ tal-Verġni | Rużarju ta' San Mikiel |
| 1.00pm | Mal-Melodija Maltija | Klassiċi u Sagri | Mal-Melodija Maltija | Tifkiriet ta' Nostalġija | L-Armonija fl-għanja Nisranija | Għannu lil ismu | Magazine |
| 2.00pm | Ħadd Kumpanija | Jien hu l-Ħobż tal-Ħajja | Stejjer ta' dawk il-gżejjer ta' Mary Meilak | Qari - Il-Feddej | Il-Miraklu ta' Radju Marija | Qari - Alla huwa festa (A) | |
| 2.30pm | | | Avviżi Komunitarji | Relazzjonijiet | Ulied is-sultan (A) | Avviżi Komunitarji | |
| 3.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina | | | | | | |
| 3.30pm | Ħadd Kumpanija (ikompli) | Omelija mis-Santwarju Ta' Pinu | | | | | Omelija mid-Djoċesi t'Għawdex |
| 4.00pm | | Il-Milja tal-Familja | Fl-iskola ta' San Piju | Papa Franġisku -Ħajtu, il-Vokazzjoni u l-Pontifikat | Mid-Djarju tal-Papa | Kireh u Bileh | Aħbar ta' ferħ |
| 4.30pm | | | | | | | |
| 5.00pm | Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati | Għanjiet il-Qalb | Għal ħajja aħjar (minn Kuntatt) | Spirtu s-Santu nafda fik | Ħaġa waħda meħtieġa (A) | Christus Vivit | Għandi lilek, għandi kollox |
| 5.30pm | | Lectio Divina & Milli Qrajt | | | | | |
| 6.00pm | Rużarju | | | | | | |
| 6.30pm | Sebħ u tagħlim | Quddiesa | | | | | |
| 7.10pm | Ħajja ta' Xhieda u ta' Fidi - Għasar - Novena | | | | | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 6.30pm | Sebħ u tagħlim | Quddiesa | | | | | |
| 7.10pm | Ħajja ta' Xhieda u ta' Fidi - Għasar - Novena | | | | | | |
| 7.25pm | Qari Skrittura | Aħbarijiet minn Radju Vatikan | | | | | Katekeżi minn Papa Franġisku |
| 7.40pm | Ħsieb minn Dun Mikiel Borg | Omelija mill-Arċidjoċesi ta' Malta | | | | | Ħsieb minn Dun Mikiel Borg |
| 8.00pm<br>8.30pm | Magazine | Il-marid - Ambaxxatur ta' Kristu fit-Tbatija | Tweġiba Kattolika | Ara Ommok | Mis-Swali tal-Kunċerti | Imxi magħna Tereża | RISE (A) |
| 9.00pm<br>9.30pm | | Inbid Ġdid | | Għajn ta' Ġid | It-Tensjoni sospiża bejn ix-Xjenza u l-Fidi | Vuċi Missjunarja | Klassiċi u Sagri |
| 10.00pm | Rużarju, Eżami tal-ġurnata u Kompieta | | | | | | |
| 11.00pm<br>11.30pm | Jum il-Mulej | Nibnu u ngħixu kultura tal-ħajja | Nixtarru kitbet San Ġorġ Preca | Confessio | Fanal għal riġlejna (Lectio) | Mid-Direttur | Kristu Ibieraħ, illum u dejjem |
| | **TNEJN** | **TLIETA** | **ERBGĦA** | **ĦAMIS** | **ĠIMGĦA** | **SIBT** | **ĦADD** |
| 12.00am | Mis-Swali tal-Kunċerti | Għandi lilek, għandi kollox | RISE | Jien hu l-Ħobż tal-ħajja | Tifkiriet ta' Nostalġija | L-Armonija fl-għanja Nisranija | Għannu lil ismu |
| 1.00am | Spirtu s-Santu nafda fik | Il-Miraklu ta' Radju Marija | Qari mill-Iskrittura | Għanjiet il-Qalb | Relazzjonijiet | Ħaġa waħda meħtieġa | Ulied is-Sultan |
| 1.30am | Rużarju tal-Erwieħ & Novena | Rużarju ta' San Mikiel & Novena | Rużarju ta' San Ġużepp & Novena | Rużarju tal-Erwieħ & Novena | Rużarju tad-Duluri & Novena | Rużarju ta' San Mikiel & Novena | Rużarju ta' San Mikiel & Novena |
| 2.00am<br>2.30am | Aħbar ta' Ferħ | L-Aħħar Qatra | Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati | Il-Milja tal-familja | Ara Ommok | Il-marid - Ambaxxatur ta' Kristu fit-Tbatija | Vuċi Missjunarja |
| 3.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina | | | | | | |
| 3.30am | Christus Vivit | Sebħ u tagħlim | Qari - Alla huwa festa | Għalik kollox | Stejjer ta' dawk il-gżejjer | Qari - Il-Feddej | Għal ħajja aħjar |
| 4.00am | Rużarju | | | | | | |
| 4.30am<br>5.00am | Imxi magħna Tereża | Magazine | Vuċi Missjunarja | Fl-iskola ta' S.Piju ta' Pietrelcina | Ftit minn kollox | Tweġiba Kattolika | Papa Franġisku -Ħajtu, Vokazzjoni u l-Pontifikat |
| 5.30am | It-Tensjoni sospiża bejn ix-Xjenza u l-Fidi | | Fanal għal riġlejna (Lectio Divina) | Inbid Ġdid | Għajn ta' Ġid | | X'għadek tiftakar mill-Katekiżmu? (A) |
| 6.00am | | | | | | | Uffiċċju tal-Qari |
| 6.30am | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju ta' San Ġużepp | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju tad-Duluri | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju ta' San Mikiel |

**Abjad = L-ewwel Xandira** | **Ċelest = Repetizzjoni** | **(A) = Arkivji**

**Radju Marija jirriserva d-dritt li jbiddel xi programmi minn din l-iskeda fiż-żmien li tkun qiegħda tixxandar minħabba ċirkustanzi li ma jkollux kontroll fuqhom.

# *LAQGĦA KONTINENTALI ANNWALI*

### *PARIĠI - MARZU 2026*



*Din is-sena l-laqgħa saret ġewwa Pariġi mit-2 sal-5 ta' Marzu. Attendew għal Malta l-President ta' Radju Marija Bridget Micallef, Marvin Mansueto bħala Koordinatriċi u Joan Sammut mis-sezzjoni editorjali minflok Fr Antoine Borg li minħabba impenji oħra ma setax ikun preżenti. Kienet laqgħa ferm sabiħa. Attendew 26 pajjiż minn 31 Ewropew. F'din il-konferenza ġew diskussi diversi punti importanti rigward l-andament tar-radji f'dawn il-postijiet Ewropej, diffikultajiet, esperjenzi, ideat ġodda dwar evanġelizzazzjoni, aspetti finanzjarji ta' ċerti pajjiżi, eċċ. Matul din il-konferenza ma naqsux ukoll mumenti ta' adorazzjoni, ewkaristija u talb.*

May **2026**

**MARIATHON**

***"In love is victory"***

*Din is-sena l-Mariatona ser issir f'dawn id-dati:*

**13, 14 u 15 ta' Mejju**

*Għinuna ħalli nkunu ta' spalla għal Radju Marija f'pajjiż ieħor tad-dinja. Aħna familja waħda, nimxu id f'id flimkien.*

Grazzi!

# STAĠUNI U TIBDILIET

*Uffiċjalment bdejna r-rebbiegħa u ħallejna warajna x-xitwa. U x'xitwa kienet! Rajna x'taf toffri n-natura: barra kesħa xxoqq l-għadam speċjalment filgħaxijiet, kellna wkoll ġranet fejn ix-xemx bilkemm dehret, fejn ix-xita ma waqfitx u fejn konna maħsuda b'silġ qawwi. U xi ngħidu għar-riefnu li kellna?*

*U dan mhux kollu bħat-traġitt ta' ħajjitna? Nagħmlu kemm nagħmlu biex inkunu ferħanin, it-tisbit tal-mewġ tal-ħajja mhux dejjem nistgħu naħarbuh. Hemm dawk l-intoppi li noħolquhom aħna b'deċiżjonijiet żbaljati, iżda imbagħad hemm dawk l-irwiefen tal-ħajja li jgħaddu minn fuqna bla ma jkollna tort ta' xejn. U bħalma l-maltemp ikisser, iwaqqa', ifarrak u jħalli ħerba warajh, hekk ukoll ċerti episodji tal-ħajja joħolqu taqlib kbir. Inħossuna dgħajfa quddiem l-istorja, vulnerabbli, għajjiena u żarmati mis-sigurtajiet tagħna filwaqt li jnibbtu fina emozzjonijiet ta' ansjetà, paniku u twegħir. Inħossu d-dgħajsa tagħna qed tegħreq. U ġieli wkoll dak li nippruvaw niggranfaw miegħu jkun hu nnifsu wkoll instabbli. F'dawn il-mumenti tqal Alla fejn ikun? Kristu jkun aljenat, indifferenti jew saħansitra anki rieqed? LE u LE! Is-Salm jgħidilna li Alla la jorqod u lanqas jongħos. Fid-dgħajsa mal-appostli imbeżża' Kristu sikket it-tempesta. Dejjem ħdejhom baqa' u kien jaf eżatt x'kien qed jiġri minkejja li huma ħassewhom waħidhom u bla assistenza. Kristu wriehom illi HU kellu l-qawwa fuq l-elementi tan-natura u fuq il-biżgħat tagħhom. Il-problema kienet mhux li Kristu mhu jagħmel xejn biex jgħin, imma li huma kienu nieqsa mill-Fidi.*

*Għalhekk insellmulek rebbiegħa għax se ġġib miegħek prospetti ta' qawmien ġdid fin-natura wara ż-żmien tax-xitwa.*

*Għal dawk li forsi bħalissa l-ħajja mhix daqstant ħanina, ingħaqdu ma' Id Kristu u mat-tgħanniqa t'Ommna Marija, u ħarsu b'tama sabiħa lejn jiem sbieħ fil-futur qarib.*

*Grazzi Mulej li inti dejjem magħna, f'kull staġun ta' ħajjitna, anki meta aħna ma nħossukx qrib tagħna.*

*Grazzi talli bl-IMĦABBA tiegħek tgħinna nirbħu l-ostakli tal-ħajja.*





Marija,
urina l-għażliet tal-ħajja,
farraġna fi żmien il-prova,
ħalli b'hekk fidili lejn
Alla u lejn il-bniedem,
naffrontaw b'umiltà, u b'kuraġġ
it-triqat misterjużi tas-sema,
biex inwasslu f'moħħ u f'qalb kull
persuna l-aħbar it-tajba ta'
Kristu Redentur tal-bniedem.
Marija, kewkba tal-evanġelizzazzjoni,
imxi magħna,
mexxi lil Radju Marija
u kun il-protettriċi tiegħu.

RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

# *Grazzi tas-sapport tiegħek lil Radju Marija!*

## *Biex tgħin lil Radju Marija jkompli l-missjoni tiegħu ta' evanġelizzazzjoni, inti tista':*

Tħalli d-donazzjoni tiegħek fir-reception ta' Radju Marija - 40, Triq San Vinċenz Ferreri, ir-Rabat, Malta, fil-ħinijiet tal-ftuħ.

Tibgħat donazzjoni b'sms:
5061 8063 għal donazzjoni ta' €4.66
5061 9278 għal donazzjoni ta' €11.65

Tibgħat donazzjoni billi ċċempel:
5160 2046 għal donazzjoni ta' €10.00
5170 2019 għal donazzjoni ta' €15.00
5180 2047 għal donazzjoni ta' €25.00
5190 2091 għal donazzjoni ta' €50.00

Tibgħat ċekk pagabbli lil **Assoċjazzjoni Radju Marija Malta**
40, Triq San Vinċenz Ferreri, Rabat, RBT 2503
(ċekkijiet ta' €20 jew inqas ma jissarrfux).
Tibgħat Money Order pagabbli lil Radju Marija.

**BOV IBAN:**
MT09VALL2201 3000 0000 1460 9142 012
Numru tal-Kont: 1460 9142 012

**APS IBAN:**
MT31APSB7705 7006 0638 2000 0834 148
Numru tal-Kont: 2000 0834 148

**HSBC IBAN:**
MT05MMEB4458 7000 0000 5803 0875 050
Numru tal-Kont: 0580 3087 5050

Tagħti donazzjoni lil Radju Marija permezz tal-BOV Mobile App bin-numru 79453107.

*Grazzi*

# Servizzi offruti minn Radju Marija

## Avviżi ta' mwiet u tifkiriet ta' anniversarji fuq Radju Marija

Dawn jixxandru kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa fit-8.00am, fil-11.55am u fl-3.55pm, u kull nhar ta' Sibt fit-8.00am biss.

Importanti li l-avviżi jiġu ppreżentati fir-Reception ta' Radju Marija fil-ħinijiet tal-ftuħ.

Min jippreżenta l-avviż irid ukoll jippreżenta l-karta tal-identità. Ma jiġux aċċettati avviżi permezz tat-telefon.

## Avviżi komunitarji mxandra kuljum fuq Radju Marija

Il-parroċċi u l-għaqdiet li jixtiequ jxandru l-attivitajiet tagħhom huma mistiedna biex jibgħatu l-avviż sa mhux aktar tard minn ġimgħa qabel fuq info.mal@radiomaria.org

L-attivitajiet għandhom ikunu ta' natura reliġjuża jew ta' formazzjoni nisranija u ma jistgħux jinkludu attivitajiet ta' ġbir ta' fondi. Hija fid-diskrezzjoni tad-direzzjoni ta' Radju Marija meta u kemm-il darba jixxandar l-avviż.

---

Intom is-semmiegħa tistgħu tikkomunikaw magħna fil-ħin ta’ Kuntatt b’messaġġi, talb, intenzjonijiet u poeżiji permezz tal-app tal-whatsapp fuq in-numru:

**9930 6795**

RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM


40, Triq San Vinċenz Ferreri,
ir-Rabat, Malta RBT 2503

+356 2145 3105 - **Studio Live :21453106**

info.mal@radiomaria.org

Radju Marija Malta

www.radjumarija.org


VO/1584